



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

5 ta' Novembru 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Politika Agrikola Komuni — Produzzjoni organika u ttikkettjar ta' prodotti organiċi — Regolament (KE) Nru 889/2008 — Artikolu 27(1)(f) — Użu ta' prodotti u sustanzi fl-ipproċessar ta' oġġetti tal-ikel — Projbizzjoni tal-użu ta' minerali, vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti fejn ma jkunux legalment meħtieġa — Żieda ta' glukonat feruż u ta' vitamini ma' xarba organika — Użu ta' minerali, vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti — Kwantitajiet meħtieġa biex jiġi awtorizzat il-bejgħ bħala suppliment tal-ikel, indikat bħala tajjeb għas-saħħa u nutrizzjonali jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari”

Fil-Kawża C-137/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bayerisch Verwaltungsgericht München (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2013, fil-proċedura

Herbaria Kräuterparadies GmbH

vs

Freistaat Bayern,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász (Relatur), A. Rosas, D. Šváby u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Frar 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Herbaria Kräuterparadies GmbH, minn H. Schmidt, Rechtsanwalt,
- għal Freistaat Bayern, minn C. Höfner u K. Mitsching, bħala aġenti,
- għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u S. Šindelková, bħala aġenti,
- għall-Gvern Spanjol, minn M. J. García-Valdecasas Dorrego, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

- għall-Gvern Franċiż, minn C. Candat u D. Colas, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Kranenborg u G. von Rintelen kif ukoll minn S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008, tal-5 ta' Settembru 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, p. 1).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Herbaria Kräuterparadies GmbH (iktar 'il quddiem, "Herbaria") u l-Freistaat Bayern rigward il-possibbiltà li tintuża r-referenza marbuta mal-mod ta' produzzjoni organika fl-ittikkettjar, ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' taħlita ta' meraq tal-frott b'estratti tal-ħxejjex li tinkludi, minbarra prodotti organiċi, vitamini u glukonat feruż li ma humiex ġejjin mill-agrikoltura organika.

Il-kuntest ġuridiku

- 3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, tat-28 ta' Ġunju 2007, dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, p. 1), jgħid fil-premessi 3, 5, 22 u 25 tiegħu:

"(3) Il-qafas legali Komunitarju li jirregola s-settur tal-produzzjoni organika għandu jsegwi l-oġettiv li jiżgura kompetizzjoni ġusta u funzjonament xieraq tas-suq intern fi prodotti organiċi, u li jżomm u jiġġustifika l-kunfidenza tal-konsumatur fi prodotti ttikkettati bħala organiċi. [...]

[...]

- (5) Huwa għalhekk xieraq li l-oġettivi, il-prinċipji u r-regoli applikabbli għall-produzzjoni organika jiġu definiti b'mod aktar espliċitu, sabiex jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-kunfidenza tal-konsumatur kif ukoll għal perċezzjoni armonizzata tal-kunċett tal-produzzjoni organika.

[...]

- (22) Iż-żamma tal-kunfidenza tal-konsumatur fi prodotti organiċi hija importanti. Għalhekk l-eċċezzjonijiet mill-ħtiġiet applikabbli għall-produzzjoni organika għandhom ikunu limitati strettament għal każijiet fejn l-applikazzjoni ta' regoli eċċezzjonali hija meqjusa ġustifikata.

[...]

- (25) [...] huwa kkunsidrat xieraq li l-użu tal-logo ta' l-UE jkun limitat għal prodotti li fihom biss, jew kważi biss, ingredjenti organiċi sabiex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqin rigward in-natura organika tal-prodott sħiħ. Għalhekk ma' għandux ikun permess l-użu tiegħu fit-tikkettar ta' prodotti li qegħdin f'konverżjoni jew oġġetti ta' l-ikel ipproċessati li minnu inqas minn 95 % ta' l-ingredjenti tiegħu ta' oriġini agrikola huma organiċi."

4 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jindika l-għanijiet ġenerali segwiti permezz tal-produzzjoni organika, b'mod partikolari "tipproduċi varjetà kbira ta' ikel u prodotti agrikoli oħrajn li jwieġbu għad-domanda tal-konsumaturi għal oġġetti prodotti bl-użu ta' proċessi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, lis-saħħa tal-bniedem, lis-saħħa tal-pjanti jew lis-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali".

5 Skont l-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat "Prinċipji speċifiċi applikabbli għall-ipproċessar ta' ikel organiku":

"Flimkien mal-prinċipji ġenerali mniżżla fl-Artikolu 4, il-produzzjoni ta' għalf organiku pproċessat għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji speċifiċi li ġejjin:

- a) il-produzzjoni ta' ikel organiku minn ingredjenti agrikoli organiċi, ħlief fejn ingredjent mhux disponibbli fis-suq f'forma organika;
- b) ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' addittivi ta' l-ikel, ingredjenti mhux organiċi b'funzjonijiet prinċipalment teknoloġiċi u funzjonijiet sesorji kif ukoll mikronutrienti u għajnuniet għall-ipproċessar, sabiex huma jintużaw mill-anqas u biss f'każ ta' ħtieġa teknoloġika essenzjali jew għal skopijiet partikolari nutrizzjonali;
- ċ) l-esklużjoni ta' sustanzi u metodi ta' pproċessar li jistgħu jqarrqu rigward in-natura vera tal-prodott;
- d) l-ipproċessar ta' l-ikel b'attenzjoni, preferibbilment bl-użu ta' metodi bijoloġiċi, mekkaniċi u fiżiċi."

6 L-Artikolu 19 tal-istess regolament, intitolat "Regoli ġenerali dwar il-produzzjoni ta' l-ikel ipproċessat", jipprevedi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kompożizzjoni ta' ikel organiku pproċessat:

- a) il-prodott għandu jiġi prodott prinċipalment minn ingredjenti ta' oriġini agrikola; [...]
- b) addittivi, għajnuniet ta' proċessar, aromatizzanti, ilma, melħ, preparati ta' mikroorganiżmi u enzimi, minerali, elementi ta' traċċa, vitamini, kif ukoll aminoaċidi u mikronutrienti oħrajn f'oġġetti ta' l-ikel għal użu nutrizzjonali partikolari biss jistgħu jintużaw u biss safejn ġew awtorizzati għall-użu fi produzzjoni organika skond l-Artikolu 21;

[...]"

7 L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 834/2007, intitolat "Kriterji għal ċerti prodotti u sustanzi fil-ipproċessar", jipprevedi:

"1. L-awtorizzazzjoni ta' prodotti u sustanzi għall-użu fil-produzzjoni organika u l-inklużjoni tagħhom fil-lista ristretta ta' prodotti u sustanzi msemmija fl-Artikolu 19(2) (b) u (ċ) għandha tkun soġġetta għall-oġġettivi u l-prinċipji stabbiliti fit-Titolu II u li ssegwi l-kriterji, li għandhom jiġu evalwati kollha kemm huma:

- i) alternattivi awtorizzati skond dan il-kapitolu mhumiex disponibbli;
- ii) mingħajr rikors għalihom, ikun impossibbli li jiġi prodott jew preservat l-ikel jew jiġu sodisfatti ħtiġiet dijetetiċi speċifikati previsti abbażi tal-leġislazzjoni Komunitarja.

Barra minn hekk, il-prodotti u s-sustanzi msemija fl-Artikolu 19(2) (b) jinsabu fin-natura u jistgħu jkunu għaddew minn proċessi mekkaniċi, fiżiċi, bijoloġiċi, enzimatiċi jew mikrobjali, ħliet jekk tali prodotti jew sustanzi minn tali sorsi ma jkunux disponibbli fi kwantitajiet jew kwalitajiet suffiċjenti fis-suq.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 37(2), tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti u s-sustanzi u l-inklużjoni tagħhom fil-lista ristretta imsemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tistabbilixxi kondizzjonijiet u limiti speċifiċi għall-użu tagħhom, u, jekk meħtieġ, dwar l-irtirar ta' prodotti.

[...]"

- 8 Skont l-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament, intitolat "Użu ta' termini li jirreferu għall-produzzjoni organika":

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament prodott għandu jittqies li jinkludi termini li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organika fejn, fit-tikkettar, fil-materjal tar-rikamar jew f'dokumenti kummerċjali, tali prodott, l-ingredjenti jew il-materjali ta' l-għalf tiegħu huma mfissra f'termini li jissuġġerixxu lix-xerrej li l-prodott, l-ingredjenti jew il-materjali ta' l-għalf tiegħu nkisbu skond ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, it-termini elenkati fl-Anness, id-derivati jew id-diminuttivi tagħhom, bħal 'bijo' u 'eko', wehdom jew b'mod kombinat, jistgħu jintużaw fil-Komunità kollha u fi kwalunkwe lingwa tal-Komunità għat-tikkettar u r-reklamar ta' prodott li jissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fi jew skond dan ir-Regolament.

[...]

2. It-termini msemija fil-paragrafu 1 ma' għandhom jintużaw imkien ieħor fil-Komunità u fl-ebda lingwa tal-Komunità għat-tikkettar, ir-reklamar u d-dokumenti kummerċjali ta' prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet imniżżla taħt dan ir-Regolament, sakemm mhumiex applikati għal prodotti agrikoli f'ikel jew għalf jew b'mod ċar ma' għandhom l-ebda rabta ma' produzzjoni organika.

[...]

4. Fir-rigward ta' ikel ipproċessat, it-termini msemija fil-paragrafu 1 jistgħu jintużaw:

a) fid-deskrizzjoni tal-bejgħ dment li:

i) l-ikel ipproċessat hu konformi ma' l-Artikolu 19;

[...]"

- 9 Ir-Regolament Nru 889/2008 jgħid fil-premessa 21 tiegħu:

"Għall-iskop ta' l-ipproċessar ta' ikel organiku, l-użu ta' ċerti ingredjenti ta' orġini mhux agrikola, ċerta għajnuna għall-ipproċessar ta' l-ikel u ċerti ingredjenti mhux organiċi ta' orġini agrikola kien permess taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 taħt kundizzjonijiet definiti tajjeb. Bl-iskop li tkun żgurata l-kontinwità ta' l-agrikoltura organika il-prodotti u s-sustanzi in kwistjoni għandhom, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jibqgħu ikunu permessi. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li fl-Annessi ma' dan ir-Regolament ikunu elenkati l-prodotti u s-sustanzi li kienu permessi taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91. Jistgħu ikunu miżjuda prodotti u sustanzi oħrajn ma' dawn il-listi fil-ġejjieni taħt bażi legali differenti, jiġifieri l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. [...]"

- 10 L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 889/2008, intitolat “L-użu ta’ ċerti prodotti u sustanzi fl-ipproċessar ta’ l-ikel”, jipprevedi:

“1. Għall-iskop ta’ l-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, is-sustanzi li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ipproċessar ta’ l-ikel organiku [...]:

[...]

- f) minerali (oligo-elementi inklużi), vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti, awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom huwa legalment meħtieġ fl-affarijiet ta’ l-ikel li fihom huma inkorporati.”
- 11 Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta’ Ġunju 2002, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti ta’ l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 490), kif emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Ottubru 2008 (ĠU L 311, p. 1, iktar ‘il quddiem, id-“Direttiva 2002/46”), tiddefinixxi l-kunċett ta’ “supplimenti tal-ikel” u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex oġġett tal-ikel ikun jista’ jiġi kklassifikat bħala tali supplement.
- 12 Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9, u rettifika ĠU 2007, L 12, p. 3), jiddefinixxi l-kunċett ta’ “stqarrija [indikazzjoni]” u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-użu ta’ din.
- 13 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012, tas-16 ta’ Mejju 2012, li jistabbilixxi lista ta’ indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, p. 1), jinkludi fl-anness tiegħu lista tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati rigward l-oġġetti tal-ikel, kif imsemmi fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1924/2006. Dan l-anness jawtorizza għall-ħadid l-indikazzjoni dwar is-saħħa li ġejja:
- “Il-ħadid jikkontribwixxi għall-formazzjoni normali ta’ ċelluli ħomor tad-demem u ta’ emoglobina. L-indikazzjoni tista’ tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta’ ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni [...]”
- 14 L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta’ Mejju 2009, dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta’ nutriment partikolari (ĠU L 124, p. 21), jiddefinixxi l-oġġetti tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari u jistabbilixxi r-rekwiżiti marbuta ma’ tali użu.
- 15 L-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009, tat-13 ta’ Ottubru 2009, dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari (ĠU L 269, p. 9), stabbilixxa, skont l-Artikolu 4(3), tad-Direttiva 2009/39, lista ta’ sustanzi b’għanijiet ta’ nutriment partikolari, inklużi l-vitamini u l-melħ minerali, li jkunu jistgħu jiġu miżjuda ma’ oġġetti tal-ikel maħsuba għal użu nutrittiv partikolari. Il-premessi 4 u 5 ta’ dan ir-regolament jipprevedu:

“(4) L-għażla tas-sustanzi għandha tissejjes qabelxejn fuq is-sikurezza tagħhom u għaldaqstant fuq id-disponibbiltà tagħhom għall-użu mill-bnedmin u fuq il-karatteristiċi organolettiċi u teknoloġiċi tagħhom. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet applikabbli għal kategoriji speċifiċi ta’ oġġetti tal-ikel, l-inklużjoni ta’ sustanzi fil-lista ta’ dawk li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta’ oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari ma tfissirx li ż-żieda tagħhom f’dawk l-oġġetti tal-ikel hija neċessarja jew mixtieqa.

(5) Fejn iż-żieda ta’ sustanza nutrittiva ġiet meqjusa bħala neċessarja, din ġiet stipulata minn regoli speċifiċi fid-direttivi speċifiċi rilevanti flimkien mal-kundizzjonijiet kwantitattivi xierqa, skont kif ikun il-każ.”

- 16 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008, tat-8 ta' Diċembru 2008, li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, p. 25), taħt it-Titolu III, intitolat "Importazzjoni ta' prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti", Kapitolu 1, intitolat "Lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti", jipprevedi fl-Artikolu 7 tiegħu, dwar l-istabbiliment u l-kontenut tal-lista tal-pajjiżi terzi, li tali lista tinsab fl-Anness III ta' dan ir-regolament. Taħt l-istess titolu, Kapitolu 2, intitolat "Lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza", l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament jgħid li l-lista tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza tinsab fl-Anness IV tal-istess regolament.
- 17 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 126/2012, tal-14 ta' Frar 2012, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 fir-rigward ta' evidenza dokumentata u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 rigward l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti organiċi mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 41, p. 5), jintroduċi, permezz tal-Anness II tiegħu, bidliet fl-Annessi III u IV tar-Regolament Nru 1235/2008. Il-verżjoni rilevanti ta' dawn l-Annessi III u IV tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2012, tal-20 ta' Ġunju 2012, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 (ĠU L 162, p. 1).
- 18 Il-premessa 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 126/2012 tgħid li "l-Istati Uniti għandhom jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 19 Herbaria timmanifattura l-prodott "Herbaria Blutquick — Eisen + Vitamine" (Herbaria Blutquick — Ħadid + Vitamini, iktar 'il quddiem, "Blutquick"), taħlita ta' meraq tal-frott b'estratti tal-ħxejjex, li tinkludi, minbarra prodotti mill-pjanti li ġejjin minn agrikoltura organika, vitamini u glukonat ferruż. Dawn il-komponenti miżjuda msemmija l-aħħar ma humiex ġejjin minn prodotti ta' agrikoltura organika.
- 20 Blutquick huwa ppreżentat u kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel li għandu ħadid u vitamini, u t-tikketta tiegħu tagħmel riferiment għall-metodu ta' produzzjoni protetta taħt l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007 kif ukoll l-indikazzjoni "Il-ħadid isostni l-formazzjoni normali ta' ċelluli ħomor tad-demem u tal-emoglobina". Id-doża rakkomandata ta' kuljum ta' Blutquick tkopri 20 % mill-porzjon irrakkomandata għal kuljum. Blutquick huwa rrakkomandat b'mod partikolari bħala ta' benefiċċju għall-iżvilupp intellettuali naturali tat-tfal jekk jittieħed matul it-tqala u t-treddiġh. Blutquick jgħin, minbarra dan, fil-formazzjoni normali ta' ċelluli ħomor tad-demem u tal-emoglobina u fit-tnaqqis tal-istati ta' eżawriment.
- 21 B'deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2011, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bavarja ordnaw lil Herbaria tneħħi r-riferiment għall-metodu ta' produzzjoni organika fl-ittikkettjar, fir-reklamar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' Blutquick, għaliex dan kien jikser il-punt (a)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 834/2007, moqri flimkien mal-Artikolu 19(2)(b) ta' dan ir-regolament u mal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008. Skont il-motivi ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li l-minerali u l-vitamini jistgħu jiġu miżjuda biss jekk l-użu tagħhom fl-oġġetti tal-ikel li fihom huma inkorporati jkun legalment meħtieġ, tali ħtieġa legali ma teżistix għal Blutquick. B'mod partikolari, il-fatt li r-Regolament Nru 1924/2006 issuġġetta l-"indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa" għal rekwiżiti ddettaljati ma jfissirx li l-użu ta' vitamini u ta' minerali fil-manifattura ta' oġġetti tal-ikel huwa legalment meħtieġ. Għalhekk, Blutquick ma jistax jiġi ttikkettjat, irreklamat jew ikkummerċjalizzat bir-riferiment għall-produzzjoni organika rregolata permezz tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007, għaliex ir-Regolament Nru 1924/2006 ma jimponix l-obbligu li jiżdiedu vitamini u glukonat ferruż mal-oġġetti tal-ikel.

- 22 Herbaria ppreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, filwaqt li sostniet li l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 kien maħsub sabiex jippermetti ż-żieda ta' minerali u vitamini jekk, u sa fejn, dispożizzjonijiet oħra nazzjonali jew tal-Unjoni kienu jeżiġu kontenut speċifiku ta' vitamini u ta' minerali meta oġġett tal-ikel ma setax jaqdi l-għan indikat tiegħu mingħajr tali kontenut. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-supplimenti tal-ikel jew l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni, b'mod partikolari r-Regolament Nru 1924/2006, teżiġi li jiżdiedu minerali u vitamini mal-oġġetti tal-ikel ittikkettjati fis-sens li għandhom funzjoni nutrittiva speċifika. Herbaria qieset li l-għan iddikjarat ta' suppliment tal-ikel kien il-bażi tal-obbligu legali li jintlaħqu l-valuri minimi korrispondenti u li jekk dawn il-valuri setgħu jinkisbu biss b'żieda ta' sustanzi, iż-żieda għandha titqies li hija legalment meħtieġa. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 432/2012 jistabbilixxi rekwiżiti legali għal dożi għal kuljum u, għalhekk, jeħtieġ li jiżdiedu sustanzi f'oġġett ta' ikel organiku. Herbaria enfasizzat li ż-żieda ta' vitamini u ta' glukonat feruż fi Blutquick kienet essenzjali sabiex jinkisbu l-valuri nutrizzjonali meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan nutrizzjonali indikat u li dan ma setax isir bl-użu ta' ingredjenti dderivati minn prodotti organiċi. F'kull każ, iż-żidiet kienu limitati għal dak li huwa meħtieġ.
- 23 Skont l-awtoritajiet tal-Bavarja, l-ebda liġi ma teżiġi ż-żieda ta' vitamini jew ta' glukonat feruż. Ir-Regolament Nru 1924/2006 sempliċement jawtorizza ż-żieda ta' dawn is-sustanzi, iżda ma jgħidx li dan huwa rekwiżit. Minbarra dan, kwalunkwe interpretazzjoni oħra tmur kontra l-Artikolu 6(b) tar-Regolament Nru 834/2007, li jipprevedi li addittivi tal-ikel għandhom jintużaw mill-inqas fl-agrikoltura organika.
- 24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bayerisch Verwaltungsgericht München iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- “1) L-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni tipprevedi direttament l-inklużjoni ta' dawn is-sustanzi fil-prodott tal-ikel li fih għandhom jiġu inklużi jew meta tali dispożizzjoni tistabbilixxi, minn tal-inqas, kontenut minimu għas-sustanzi msemmija li għandhom jiġu inklużi?
- 2) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda: l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun ukoll legalment meħtieġ meta, mingħajr l-inklużjoni ta' minn tal-inqas waħda mis-sustanzi msemmija, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott tal-ikel bħala komplement tal-ikel jew bl-użu ta' allegazzjonijiet dwar is-saħħa tkun qarrieqa u tqarraq bil-konsumatur, minħabba li l-prodott tal-ikel ma jkunx jista', fid-dawl ta' konċentrazzjoni żgħira wisq ta' waħda mis-sustanzi msemmija, jissodisfa l-għan tiegħu bħala prodott tal-ikel jew l-għan indikat fl-allegazzjoni dwar is-saħħa?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda: l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun ukoll legalment meħtieġ meta allegazzjoni partikolari dwar is-saħħa tkun tista' tintuża biss fir-rigward tal-prodotti tal-ikel li jkun fihom kwantità partikolari, u saħansitra sinjifikattiva, ta' minn tal-inqas waħda mis-sustanzi msemmija?”

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali

- 25 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Mejju 2014, Herbaria talbet il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali billi invokat fatt ġdid.

- 26 Għal dan l-għan, Herbaria tosserva li s-suq tal-preparazzjonijiet għal trabi u tfal żgħar sa tliet snin huwa kważi esklużivament suq ta' prodotti organiċi u li, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008, dawn il-prodotti jgħibu inkwantu prodotti organiċi, għaliex il-leġiżlazzjoni rigward il-prodotti tad-dieta teżiġi kontenuti minimi ta' ċerti sustanzi, b'mod partikolari f'vitamini u minerali. Hija tenfasizza li ma jeżisti prattikament l-ebda oġġett tal-ikel intiż għat-trabi u għat-tfal ta' età żgħira li għalih huma ggarantiti naturalment dawn il-kontenuti minimi u titlob, sabiex dan il-fatt jiġi kkonstatat, servej fl-Istati Membri u perizja.
- 27 Minbarra dan, Herbaria tqis li r-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti li ġejjin mill-Istati Uniti inkwantu prodotti organiċi, li huma parti mid-dritt tal-Unjoni, huma, bil-kontra ta' kif jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, rilevanti fil-kawża prinċipali. Hija ssostni li, skont id-dritt proċedurali nazzjonali, għall-finijiet tal-eżami tal-kwistjoni dwar jekk rikorrent sofriex dannu jew le, id-data rilevanti hija dik tal-aħħar seduta quddiem il-qorti adita. F'dan ir-rigward hija tispeċifika li s-seduta quddiem il-qorti tar-rinviju seħħet fl-20 ta' Ġunju 2012, jiġifieri wara sew id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 126/2012 li jippermetti li l-prodotti ppakkjati fl-Istati Uniti bħala prodotti organiċi, minkejja l-kontenut tagħhom f'minerali u vitamini sintetiċi, ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Herbaria tqis li, jekk hija tiċċaħħad mill-possibbiltà li tqiegħed Blutquick fis-suq tal-Unjoni, dan ikun jikkostitwixxi inugwaljanza fit-trattament.
- 28 F'dan ir-rigward, għandu jtfakkar li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-partijiet, li jippreżentaw osservazzjonijiet b'risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (ara s-sentenzi *Stichting Natuur en Milieu et, C-266/09, EU:C:2010:779, punt 28, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-335/12, EU:C:2014:2084, punt 45).*
- 29 Skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ jew il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 30 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, tqis li għandha l-elementi kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi u li mit-talba ta' Herbaria ma jirriżultax fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sentenza li għandha tingħata.
- 31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tintlaqa' t-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali.

Fuq id-domandi preliminari

- 32 Bid-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-użu ta' sustanza msemmija f'din id-dispożizzjoni jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni timponi direttament iż-żieda tal-imsemmija sustanza fl-oġġett tal-ikel sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat b'mod ġenerali, jew inkella l-użu ta' tali sustanza jkun ukoll legalment meħtieġ meta oġġett tal-ikel jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, li jimplika li, sabiex jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet dwar l-inklużjoni ta' sustanzi fl-oġġetti tal-ikel, li jinsabu, rispettivament, fid-Direttiva 2002/46, fir-Regolamenti Nri 1924/2006 u 432/2012, kif ukoll fid-Direttiva 2009/39 u fir-Regolament Nru 953/2009, dan l-oġġett tal-ikel għandu jinkludi kwantità speċifika tas-sustanza inkwistjoni.

- 33 L-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007 jipprojbixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, l-użu ta' termini li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organika fil-każ tal-ittikkettjar ta' prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti msemmija f'dan l-istess regolament.
- 34 Fir-rigward ta' oġġett tal-ikel ipproċessat, bħalma huwa Blutquick, huwa previst, fil-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu, li l-imsemmi riferiment huwa awtorizzat bil-kundizzjoni li dan l-oġġett tal-ikel ikun konformi mal-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament.
- 35 L-imsemmi Artikolu 19 tar-Regolament Nru 834/2007 jippermetti, fil-paragrafu 2(b) tiegħu, iż-żieda, fost l-oħrajn, ta' minerali u ta' vitamini jekk ikunu ġew awtorizzati minn qabel għal użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament.
- 36 L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 834/2007 jistabbilixxi kriterji għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dawn is-sustanzi u jawtorizza lill-Kummissjoni tiddetermina, fil-kuntest ta' dawn il-kriterji, lista ristretta sabiex tinkludi fiha l-imsemmija sustanzi. Skont dawn il-kriterji, li jinsabu fil-punti (i) u (ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, sabiex l-użu ta' sustanza jkun jista' jiġi awtorizzat, ma għandhomx ikunu jeżistu soluzzjonijiet oħra awtorizzati skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu III ta' dan ir-regolament u għandu jkun impossibbli, mingħajr ma jsir dan l-użu, li jiġi prodott u kkonservati l-oġġetti tal-ikel jew li jiġu rrispettati l-proprjetajiet djetetiċi previsti taħt il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- 37 Abbażi ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni stabbilixxiet, fl-Artikolu 27(1) u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 889/2008, il-lista ristretta tas-sustanzi li jistgħu jintużaw fl-ipproċessar ta' oġġetti tal-ikel ikkummerċjalizzati bħala prodotti organiċi. L-Artikolu 27(1)(f) ta' dan ir-regolament jispeċifika li l-minerali u l-vitamini huma awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom fl-oġġetti tal-ikel li fihom huma inklużi jkun legalment meħtieġ.
- 38 Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tindika mingħajr ambigwiżà li l-minerali u l-vitamini jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-oġġetti tal-ikel organiċi biss jekk dispożizzjonijiet legali jimponu l-użu tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati dawn l-oġġetti tal-ikel.
- 39 Huwa irrilevanti li l-użu tal-imsemmija sustanzi jkun meħtieġ b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni. Fir-rigward ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk hija tippredixx tali rekwiżit fis-sens tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008. Fil-każ ta' dubju fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' din mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti nazzjonali tista', jew skont il-każ għandha, tressaq il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.
- 40 Il-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jinkludix elementi ta' natura li juru l-eżistenza ta' tali dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali u l-qorti tar-rinviju lanqas ma semmiet waħda.
- 41 L-interpretazzjoni teleoloġika u sistematika tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 834/2007 u tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 tikkonferma li s-sustanzi, bħalma huma l-minerali u l-vitamini, jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-oġġetti tal-ikel organiċi biss jekk dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mal-imsemmi dritt tal-Unjoni timponi direttament l-użu tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati dawn l-oġġetti tal-ikel.
- 42 Fir-rigward tal-iskop tiegħu, ir-Regolament Nru 834/2007 huwa intiż, skont il-premessi 3, 5 u 22 tiegħu, għall-protezzjoni tal-kunfidenza tal-konsumaturi fil-prodotti ttikkettjati inkwantu prodotti organiċi u jipprevedi, fl-Artikolu 6(c) tiegħu, li għandhom jiġu esklużi s-sustanzi u l-metodi ta' ipproċessar li jistgħu jkunu qarrieqa rigward in-natura vera tal-prodott.

- 43 L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 834/2007 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tawtorizza sustanzi u sabiex tinkludihom fil-lista ristretta msemmija f'dan l-artikolu biss taħt kundizzjonijiet stretti, jiġifieri meta dawn is-sustanzi ma jkunux jistgħu jiġu ssostitwiti b'soluzzjonijiet oħra awtorizzati skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu III ta' dan ir-regolament u biss jekk l-użu tagħhom ikun inevitabbli.
- 44 Kif isostni l-Freistaat Bayern, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 889/2008 jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju ta' tnaqqis tal-użu ta' ingredjenti mhux organiċi, previst fl-Artikolu 6(b) tar-Regolament Nru 834/2007. Tali deroga li tapplika fil-qasam tal-oġġetti tal-ikel għall-bniedem għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv.
- 45 Herbaria tinvoka, quddiem il-qorti tar-rinviju u fil-kuntest ta' din il-proċedura, diversi strumenti ġuridiċi tal-Unjoni sabiex turi li dawn jistabbilixxu obbligi legali li ġiegħluha tinkludi haċid u vitamini f'Blutquick. B'dan il-mod hija tqis li ż-żieda ta' dawn is-sustanzi għandha titqies ukoll li hija "legalment meħtieġ[a]" fis-sens tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008, peress li hija ma tkunx awtorizzata tikkummerċjalizza x-xarba tagħha bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, jekk din ix-xarba ma tkunx tinkludi ċertu kontenut ta' minerali jew ta' vitamini.
- 46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li huma l-operaturi ekonomiċi li għandhom jistabbilixxu l-kompożizzjoni tal-prodotti tagħhom u li għandhom jiddeċiedu taħt liema kategorija huma jixtiequ jikkummerċjalizzawhom. Jekk huma jixtiequ jikkummerċjalizzaw dawn il-prodotti bħala suppliment tal-ikel fis-sens tad-Direttiva 2002/46, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa fis-sens tar-Regolamenti Nri 1924/2006 u 432/2012, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari fis-sens tad-Direttiva 2009/39 u tar-Regolament Nru 953/2009, huma għandhom josservaw l-obbligi previsti f'dan il-qasam permezz tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, li jista' jwassal għall-projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni bħala prodott ta' agrikoltura organika. Id-dritt tal-Unjoni ma jggarantixxix li operatur ekonomiku jkun jista' jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu taħt il-kategoriji kollha li huwa jqis vantaġġu sabiex jippromwovi l-imsemmija prodotti.
- 47 Għaldaqstant, ladarba l-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġett tal-ikel bħala suppliment tal-ikel fis-sens tad-Direttiva 2002/46, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa fis-sens tar-Regolamenti Nri 1924/2006 u 432/2012, jew bħala oġġett tal-ikel b'użu nutrittiv partikolari fis-sens tad-Direttiva 2009/39 u tar-Regolament Nru 953/2009, hija fakultattiva, għandha tiġi miċħuda t-teżi li tgħid li dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jikkostitwixxu rekwiżiti legali fis-sens tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008.
- 48 Minn dan jirriżulta li ż-żieda ta' vitamini u ta' minerali, fil-produttjoni ta' xarba bħalma huwa Blutquick, ma tikkostitwixxix obbligu, prevista minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni sabiex din tkun tista' tiġi kummerċjalizzata. L-assenza ta' tali żieda tista', l-iktar l-iktar, toħloq, eventwalment, ostakolu għall-kummerċjalizzazzjoni ta' din ix-xarba bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel b'użu nutrittiv partikolari.
- 49 Barra minn hekk, Herbaria tallega li ssir diskriminazzjoni kontriha, sa fejn ma hijiex awtorizzata tikkummerċjalizza Blutquick bħala prodott organiku, filwaqt li, skont modifiki li saru permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 126/2012 fir-Regolamenti Nri 889/2008 u 1235/2008, xarba komparabbli li ġejja mill-Istati Uniti, ittikkettjata skont il-leġiżlazzjoni ta' dan il-pajjiż terz bħala prodott organiku minkejja ż-żieda ta' minerali u ta' vitamini sintetiċi, tiġi kummerċjalizzata liberament fl-Unjoni taħt tali tikketta organika.
- 50 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju ma tagħmel l-ebda domanda fuq dan is-suġġett u d-deċiżjoni li jsir rinviju ma tipprovdix, f'dan ir-rigward, it-tagħrif meħtieġ fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. Għalhekk, ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara ruħha fuq dan il-punt (ara, f'dan is-sens, X u X, C-319/10 u C-320/10, EU:C:2011:720, punt 28).

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu ta' sustanza msemmija f'din id-dispożizzjoni jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni timponi direttament iż-żieda tal-imsemmija sustanza f'oġġett tal-ikel sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat b'mod ġenerali. L-użu ta' tali sustanza ma huwiex legalment meħtieġ, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, meta oġġett tal-ikel jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, minkejja li dan jimplika li, sabiex jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet dwar l-inklużjoni ta' sustanzi fl-oġġetti tal-ikel, li jinsabu, rispettivament,

— fid-Direttiva 2002/46,

— fir-Regolamenti Nri 1924/2006 u 432/2012, kif ukoll

— fid-Direttiva 2009/39 u fir-Regolament Nru 953/2009,

dan l-oġġett tal-ikel għandu jinkludi kwantità speċifika tas-sustanza inkwistjoni.

Fuq l-ispejjeż

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġihallu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008, tal-5 ta' Settembru 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu ta' sustanza msemmija f'din id-dispożizzjoni jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni timponi direttament iż-żieda tal-imsemmija sustanza f'oġġett tal-ikel sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat b'mod ġenerali. L-użu ta' tali sustanza ma huwiex legalment meħtieġ, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, meta oġġett tal-ikel jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, minkejja li dan jimplika li, sabiex jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet dwar l-inklużjoni ta' sustanzi fl-oġġetti tal-ikel, li jinsabu, rispettivament,

— fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Ġunju 2002, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti ta' l-ikel, kif emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008,

— fir-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel, u tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012, tas-16 ta' Mejju 2012, li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, kif ukoll

— fid-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009, tat-13 ta' Ottubru 2009, dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari,

dan l-oġġett tal-ikel għandu jinkludi kwantità speċifika tas-sustanza inkwistjoni.

Firem